MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2012

Numru 371/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Etienne Farrugia**

## Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Etienne Farrugia** ta' 35 sena, bin Joseph u Maria Dolores *nee'* Cutajar, imwieled Pieta' fil 5 ta' Jannar 1977, residenti gewwa 1, Triq Vassalli, Zebbug, Malta, u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 84077(M) fejn gie akkuzat talli nhar il-5 t' April 2012, ghal habta tat-08.30am, gewwa l-Imgarr, flimkien ma' persuni ohra,

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn gewwa residenza 'Maria Assunta', Triq Sir Temi Zammit, Mgarr, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq, kieku sar, kien ikun kwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-Lok ghad-detriment ta' Vittoria Sammut u/jew persuna jew persuni ohra;

2. U aktar talli, fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad-dannu ta' Vittoria Sammut u/jew persuna jew persuni ohra;

U nakkuzah ukoll talli, bejn is-7 t' April 2012 u d-08.45hrs tat-8 t' April 2012;

3. Assocja ruhu flimkien ma' persuni ohra bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u cioe' d-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-Lok;

4. Nakkuzah ukoll talli, bhala rizultat, ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr A. G. Vella LL.D nhar it-23 ta' Novembru 2009, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

Rat illi l-Qorti giet ukoll mitluba tittratta lil Etienne Farrugia bhala recidiv ta' zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar id-19 ta' Jannar 2007 moghtija lilu mill-Magistrat Dr A. Demicoli u ta' nhar it-23 ta' Novembru 2009 moghtija mill-Magistrat Dr A. G. Vella, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u dan ai termini ta' l-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fid-9 t' April 2012, l-akkuzat ammetta l-akkuzi kif maghmulha fil-konfront tieghu izda talab li, qabel ma tinghata decizjoni, il-Qorti tinghata Pre-Sentencing Report sabiex jigu evalwati l-akkuzi minn Probation Officer qabel ma tinghata s-sentenza.

Rat illi dakinhar il-Qorti akkordat il-helsien mill-arrest taht il-kundizzjonijiet hemm specifikati;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2012, l-Prosekuzzjoni talbet illi d-data ta' l-akkuza tigi mibdula mill-5 t' April 2012 ghat-3 t' April 2012, liema talba giet milqugha mill-Qorti u l-akkuzat ta' ruhu notifikat minnufih ta' l-akkuza kif korretta. Dakinhar stess, il-Qorti regghet qrat l-akkuza kif korretta u l-akkuzat reghha, ghal darba ohra, ammetta t-talbiet kif dedotti wara il-korrezzjoni.

Rat ukoll il-Pre-sentencing report redatt minn Marilyn Attard, il-Probation Officer imqabbda biex taghmel ir-rapport, u l-konkluzjonijiet li saru fir-rapport hekk redatt

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2012, xehed l-akkuzat ghar-rigward il-piena, u filwaqt illi skuza ruhu ghal dak kollu li rreka lill-vittma Vittoria Sammut, ghadda lill-Prosekuzzjoni is-somma ta' hames mitt ewro (€500) bhala kumpens tad-danni morali kkawzati lill-istess Vittoria Sammut b'rizultat ta' l-agir tieghu;

Rat l-obbligazzjoni maghmulha mill-istess imputat illi jikko-opera mal-Pulizija dwar l-investigazzjonijiet illi jirrigwardaw persuni ohra illi maghhom huwa kien involut f'dak illi qieghed jigi akkuzat bihom fil-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern, l-akkuzat ammetta minnufih ta' dak kollu illi kien qieghed jigi lilu imputat u anke ikkoopera bi shih mal-Prosekuzzjoni waqt l-investigazzjonijiet taghhom;

Illi, l-akkuzat wera wkoll lill-Qorti illi huwa kien iddispjacih ta' dak kollu illi huwa kien ghamel u sahansitra ghadda lill-

Prosekuzzjoni somma ta' hames mitt ewro (€500) sabiex tinghadda lill-vittma Vittoria Sammut bhala kumpens ghad-danni morali minnu kkawzati;

Illi, dana kollu illi inghad aktar 'l fuq jimmilita favur l-akkuzat meta l-Qorti tikkunsidra il-piena tieghu.

Illi l-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tinnutax illi kien ikkundannat darbtejn ta' reati li ghandhom l-istess fattispecje ta' dawk li ghalihom huwa gie akkuzat quddiem dina l-Qorti, ghal liema akkuzi l-ewwel darba, ossija fid-19 ta' Jannar 2007 inghata sentenza ta' sena habs sospiza ghall-sentejn u t-tieni darba, ossija fit-23 ta' Novembru 2009, inghata probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin;

Illi jidher car, anke mir-rapport tal-Probation Officer, illi l-akkuzat, ghalkemm issa qieghed juri li jisoghbieh ta' dak kollu illi ghamel, madankollu, f'mument illi huwa definixxa bhala genn u blugha, reggha ikkommetta tali reati, minkejja il-mannara illi huwa kellu mdendla fuqu.

Illi l-Qorti, kif korrettement irrileva d-difensur ta’ l-akkuzat, ghandha tara illi tamministra il-Gustizzja kif misthoqq u ghandha tara illi min juri li jrid jirriforma ruhu ghandu jinghata l-opportunita' illi jaghmel hekk. Illi, fil-kaz odjern, il-Qrati gia taw il-possibbilta' lill-akkuzat illi jghin sabiex jirriforma ruhhu izda, madanakollu, minkejja tali ghajnuna, huwa baqa' ma rriformax ruhu u reggha ikkommetta l-istess reati li tieghu kien gia instab hati.

Il-Qorti, f'tali cirkostanzi, ma tistax ma tinnutax li jidher li l-akkuzat ma tghallimx mill-izbalji illi kien ghamel. Huwa tajjeb illi jiskuza ruhu mal-vittma u joffrilha somma bhala danni kkawzati lilha, u huwa tajjeb illi jobbliga ruhu li jghin lill-Prosekuzzjoni fl-investigazzjonijiet taghhom, izda, xorta wahda dana ma jwassalx sabiex jiskuza dak illi huwa ghamel - ghat-tielet darba! Certament tali azzjonijiet ta' ndiema da' parte tieghu ser jimmilitaw favurieh fis-sentenza finali, izda xorta wahda, din id-darba ser ikollu ihallas ghal dak li ghamel.

Il-Qorti tinnota wkoll illi l-akkuzat ipprova jikkommetti r-reat fit-3 t' April 2012, liema reat ma sehhx unikament minhabba fil-fatt illi l-gara ta' fejn riedu jikkommettu s-serqa rathom jikkommettu r-reat. Dana, izda ma ddiswadiex lill-akkuzat milli jerga jipprova, u ftit jiem wara, jigifieri fit-8 t' April 2012, reggha mar biex jikkommetti reat, liema reat, izda, ma ghamlux peress illi nqabad mill-Pulizija qabel ma ghamlu.

Tali agir certament ma jurix illi l-akkuzat fehem il-portata tat-twissijiet illi gew lilu moghtija mill-Qrati precendentement, u ghalhekk il-Qorti ma tistax ma tiehux il-mizuri necessarji sabiex l-akkuzat jifhem attwalment il-hsara illi huwa ghamel, kemm lis-socjeta, kif ukoll, u aktar u aktar, lilu stess u lill familja tieghu.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi qieset il-fatti kollha tal-kaz u wara illi rat il-Pre-Sentencing Report redatt;

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Fuq ammissjoni, il-Qorti, ssib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tnax (12)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------